MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2008

Rikors Numru. 19/2006/1

**Godwin Zammit (ID 657551M) u Salvina maghrufa bhala Sylvia Zammit (ID 323550M)**

**vs**

**Direttur tal-Artijiet**

Il-Bord:

Ra r-rikors ta' Godwin u Salvina Zammit li jghid hekk:

Illi huma ghadhom kif gew notifikati b'att gudizzjarju bid-data 3 t'Ottubru 2006 (kopja Dok A) fejn l-intimat offra lill-esponenti s-somma ta' elf tmien mija tmienja u hamsin lira Maltin (Lm1,858) ghal xiri assolut tad-dirett dominju temporanju sas-17 t'Ottubru 2007 (u prezumbilment tal-proprjeta' assoluta wara dik id-data) tal-fond numru 34 Flat 6 Triq l-Irlandizi, Bormla.

Illi l-esponenti mhumiex qeghdin jaccettaw dina l-offerta u qeghdin jitolbu u jindikaw is-somma ta' sebat elef lira (Lm7,000) maghmula mil-Perit Tano Zammit, kopja annessa bhala Dok B.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu lil dan il-Bord jiddetermina l-kumpens xieraq dovut lilhom u jaghti dawk id-direttivi kollha necessarji a tenur tal-artikolu 22 Kap 88.

Ra wkoll ir-risposta tad-Direttur tal-Artijiet li tghid hekk:

Illi l-esponent gie notifikat bir-rikors datat 18 t'Ottubru 2006 fl-ismijiet fuq imsemmija fejn ir-rikorrenti oggezzjonaw ghall-valur offrut lilhom mill-awtorita' kompetenti ta' elf tmien mija u tmienja u hamsin lira Maltija (Lm1,858) ekwivalenti ghall-erbat elef tlett mija u sebgha u ghoxrin Euro u tmeinja u disghin centezmu (Euro 4,327.98) ghax-xiri assolut tad-dirett dominju temporanju sas-17 t'Ottubru 2007 u eventwali tal-proprjeta' assoluta wara dik id-data tal-fond numru 34, Flat 6, Triq l-Irlandizi, Bormla, liema fond gie esproprijat permezz ta' Avviz tal-Gvern numru 255 ippublikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-10 ta' Marzu 2005.

Illi r-rikorrenti qeghdin jippretendu l-kumpens gust li ghandu jithallas lilhom ghal dan il-fond ghandu jkun dak ta' sebat elef Lira Maltija (Lm7,000) ekwivalenti ghall-sittax-il elf, tliet mija u hames Euros u wiehed u sittin centezmu (Euro 16,305.61)

Illi l-esponenti qieghed jibqa' jsostni li l-valur gust tal-fond fuq imsemmi ghandu jkun dak ta' elf tmien mija u tmienja u hamsin lira Maltija (Lm1,858) ekwivalenti ghall-erbat elef tlett mija u sebgha u ghoxrin Euro u tmeinja u disghin centezmu (Euro 4,327.98) hekk kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza, li huwa dak l-ammont illi hemm imsemmi fl-Avviz fuq citat., liema valur gie stabbilit mill-Perit Carmen Sutton.

Ghaldaqstant l-esponent qieghed jitlob lil dana l-Onorabbli Bord joghgbu jiffissa l-ammont ta' elf tmien mija u tmienja u hamsin lira Maltija (Lm1,858) ekwivalenti ghall-erbat elef

tlett mija u sebgha u ghoxrin Euro u tmeinja u disghin centezmu (Euro 4,327.98) bhala l-kumpens gust li ghandhom jithallsu r-rikorrenti ghall-espropriazzjoni tal-fond fuq imsemmi.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ikkonsidra:

Illi b'ittra ufficjali tat-3 t'Ottubru 2006, l-intimat informa lir-rikorrenti illi offra l-ammont ta' elfejn liri maltin (Lm2000) u mhux ta' Lm1,858 kif iddikjaraw ir-rikorrenti fir-rikors promutur, u dan ghax-xiri assolut bhala liberu u frank tal-fond de quo wara espropriju tal-istess fond skond l-avviz numru 255 ippublikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-10 ta' Marzu 2005.

Illi r-rikorrenti oggezzjonaw ghal din l-offerta u ddikjaraw illi l-kumpens xieraq ghal dan l-esproprija ghandu jkun ta' Lm7000. In sostenn ta' dan huma ressqu xhieda ta' perit arkitett li kkonferma l-istima tieghu tal-fond tenut kont tal-fatt li hu mikri lil terzi.

Illi f'din il-materja il-Bord kien assistit mill-perit arkitett Joseph Mizzi u l-perit arkitett Joseph Briffa u dawn ghamlu relazzjoni kongunta li hija annessa bhala parti integrali minn din is-sentenza. Illi fil-paragrafu konklussiv tar-relazzjoni taghhom il-periti membri tal-Bord qalu b'mod unanimu hekk:

"... bhala rizultat huma tal-opinjon illi l-fond in kwistjoni jigi stmat ghall-valur ta' Euro 13,976[.24] tlettax-il elf disa mija u sitta u sebghin euro [u erbgha u ghoxrin euro centezmu] (Lm6000)

Ghalhekk il-Bord, in vista tal-valur unanimu da parti tal-membri teknici, qed jilqa' t-talba tar-rikorrent u qed jiffissa l-kumpens xieraq dovut lilu ghax-xiri assolut bhala liberu u frank tal-fond 34, Flat 6, Triq l-Irlandizi, Bormla, fl-

ammont ta’ tlettax-il elf disa mija u sitta u sebghin euro u erbgha u ghoxrin euro centezmi (Euro 13,976.24) oltre l-imghax legali ai termini tal-artikolu 12(3) tal-Kap 88.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differrenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------